# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt  Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tnax (12/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2015, fl-4pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni. Is-sur Francis Callus, il-Viċi Sindku, kien ċempel lis-Segretarju Eżekuttiv ġurnata qabel il-laqgħa biex javza li mhux se jkun jista jattendi peress illi kellu extra shift tax-xogħol. Il-Viċi Sindku kien skuzat mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku u l-kunsilliera kollha kienu magħrufin bir-raġuni tan-nuqqas tal-presenza tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |
| SKUŻATI: | Francis Callus | Viċi-Sindku |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntrattur gej biex jara x-xelter l-għada tal-laqgħa {ref punt 3.2}. Dan se jiġi biex jara l-post biss qabel ma ntaqbu biex naraw minn fejn nistgħu nagħmlu vent oħra. Is-Sindku zied illi hu u s-Segretarju Ezekuttiv marru flimkien mal-Perit biex jaraw il-post u l-possibilitajiet illi nifthu

x-xelters ghall-pubbliku. Il-Perit innotta zewg problemi. Dawn kienu l-possibilita li fix-xitwa jkun hemm hafna ilma fejn it-tarag min fejn wiehed ghandu jinzel fix-xelter. Sema l-possibilita li nagħmlu struttura zgħira biex in-nies ikunu jistgħu jgħaddu minn fuq it-tajn. Żied ikoll illi hemm zewg kaptelli u jixtieq jara jekk hemm sistema tad-dranagg illi tista tohloq problemi tas-sanita.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-Bord tal-Evalwazzjoni m'aċċettawx it-talba għal fondi għall-attivitajiet kulturali għad-Diċembru 2015 {ref punt 3.5} u b'hekk il-Kunsill mhux se jieħu fondi għall-Milied Safi. Il-kunsilliera qablu li mingħajr fondi m'għandniex inkomplu bil-pjanijiet waqt illi qablu li xorta waħda ma tantx hemm ħin biex wieħed jippjana l-attivita.

3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-EneMalta għamlu vent extra fuq l-arblu li hemm fl-iskola ref punt 3.10}. Il-kunsilliera qablu li xorta waħda hemm periklu u li EneMalta għandhom ikunu responsabbli. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kienu marru triq San Tumas biex jirranġaw l-arbli izda wieħed minnhom ħallewa kif kien u għad hemm il-perikli.

3.4 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar update fuq il-kaz tal-bay tal-parking ta triq il-Kaccaturi {ref punt 3.12}. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi l-Kunsill kien qal illi bħala Kunsill ma konniex se nidħlu fin-nofs. Il-kunsillier qal illi jixtieq ikun jaf x'proċeduri hemm biex isiru dawn il-bays tal-un/loading. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk dawn il-bays mhumiex qegħdin jiddejqu lir-residenti m'għandniex għalfejn intawlu l-istorja. Il-bqija tal-kunsilliera qablu. Il-kunsillier Carlo Stival qal illi hemm persuna li qed juza dan il-bay bħala parking riservat.

3.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil għamel talba għall-update fuq il-kaz illi l-ħaddiema tal-IPSL. Is-Sindku qal illi s'issa fil-qorti ma ħadu l-ebda deċizjoni u għandna mmorru f'Jannar.

3.6 Is-Sindku insista li jekk il-kunsilliera jafu bi persuni oħrajn li huma interessati għandhom jgħidulhom biex jesprimew interess mal-Kunsill malajr kemm jista jkun [ref punt 6.1].

3.7 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-istħarriġ rigward it-tender ghas-Soft Areas harġet fid-DOI u hemm deadline għall-aħħar tax-xahar [ref punt 7.1].

3.8 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu m'hemmx għalfejn nieħdu azzjoni fuq l-iskip ta triq San Ġwann f'dan il-mument [ref punt 8.4]. Qal illi sema l-opinjonijiet tar-residenti fejn esprimew opinjonijiet different fuq il-valur tal-iskip fl-area. Qal illi bħalissa qegħdin joqogħdu attenti u m'hemmx il-ħmieġ illi

kien hemm fil-passat. Il-Kunsill qabel illi l-iskip tibqa jekk tintuza kif suppost.

3.9 Is-Sindku qal illi tkellem ma rapprezentanti tal-armar u aċċettaw illi għandhom jirranġaw ftit mit-tizjin [għal Milied] illi diġa għandna [ref punt 8.5]. Il-kunsilliera qablu li nixtru rope lights u nagħmlu d-disin li wieħed tpinġa [Anġlu u XMAS tree]. Il-Kunsill qabel illi għandna ntejbu l-atmosfera fir-raħal waqt il-festi tal-Milied.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nbidlu d-dekorazzjoni eżistenti ta "L-isbaħ Xewqat mill-Kunsill" u ssuġerixxa li nagħmluha bir-rope light. Is-Sindku qal illi qegħdin nistennew stima għax-xiri tar-rope light.

3.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ħareġ l-istima mill-Uskin [ref punt 8.6] għall-istainless steel għall-AED's. L-istima kienet ta' €483.80 [għal 2]. Id-DataTrakk bagħtu stima ta' madwar €180 għall-kull GPS biex ikun hemm tracking ta' kull AED. Is-Sindku għandu jara mal-Kappillan fejn hemm kamera fil-Pjazza ħalli nagħmlu l-AED fejn hemm sorveljenza izda xorta qal illi se jkun hemm tracking tagħhom f'kaz illi ma jingħarafx persuna fuq ic-CCTV. Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom isiru biex nipproteġu l-AED's.

3.11 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi reġa bagħat il-Compliance Letter wara li ma rċieva l-ebda acknowledgement tal-korrespondenza li kien bagħat qabel il-laqgħa preċedenti [ref punt 8.7].

3.12 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li ma setgħetx tlaħħaq mal-attivitajiet kollha u għalhekk it-Treasure Hunt se ssir izjed tard [ref punt 8.8]. Is-Sindku qal illi jekk possibli għandha ssib nhar ta' Sibt f'Diċembru biex issir it-Treasure Hunt.

3.13 Is-Segretarju Ezekuttiv qara emajl minn HSBC li rrispondew għat-talba biex jagħmlu manutenzjoni tat-tabelli li huma sponsorjati mingħandhom [ref punt 8.13]. Dawn ix-xogħolijiet se jsiru fil-futur izda m'hemm l-ebda ġurnata fissa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi hemm waħda minnhom [referenza għat-tabella li hemm f'triq San Ġwann] li qegħda fil-konfini ta' Ħal Kirkop, kif ukoll illi qegħda qasira u qal illi din għandha titranġa.

## 4. Korrispondenza

4.1: **Kunċert tal-Milied**: Il-Kappillan bagħat talba biex il-Kunsill u l-Parroċċa jikkoperaw fuq attivita fiz-zmien il-Milied. Il-Kunsill qabel illi nagħmlu l-attivita flimkien, speċjalment issa la m'aħniex se nieħdu l-

fondi biex nagħmlu l-attivita kulturali. Il-Kunsill qabel illi nħallsu lill-orkesta li se tipparteċipa fl-attivita fejn hemm stima ta' madwar €280.

4.2 **MEPA NoticeBoard**:MEPA bagħtu korrespondenza fejn offrew illi l-Kunsill jagħmlu uzu tan-NoticeBoards tagħhom. Il-Kunsill qal illi dan mhux bzonnjuz issa li għandna 2 noticeboards ikbar.

4.3 **Memo 30/2015**: Is-Segretarju Ezekuttiv qara Memo fejn hemm l-opportunita biex napplikaw għal fondi għall-attivitajiet kulturali fis-sena 2016. Il-Kunsill se jiffoka fuq żewġ applikazzjonijiet, ir-renactment li għandha ssir nhar il-Ħadd 10 t'April 2016, u Milied Safi li għandu jsir l-ewwel Ħadd ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel.

4.4 **President tal-Kunsill tal-iskejjel**: Is-Segretarju Ezekuttiv qara emajl li rċevejna mid-DLG fejn ġie spjegat illi l-Kunsill għandu jkun parteċipant fid-deċizjoni rigward l-elezzjoni tal-Presidenti ta' Kunsill ta' Skejjel Primarji. Il-Kunsill kien ikollu sejħa fid-deċizjoni fil-passat izda fl-aħħar għażla qatt ma ġew innotifikati li kien se jsir deċizjoni. Is-Sindku qal illi d-Dipartiment ħatru lill-persuna. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nkunu nafu x'qed jiġri fl-iskolja primarja. Qal ukoll illi l-Kunsill għandu jinnomina persuna u mhux jagħzel.

## 5. Payment Approval Sheet

5.1 Il-Payment Approval Sheet ġiet approvata u ffirmata.

## 6. Gal Xlokk 2014-2020

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi biex nidħlu fil-GAL Xlokk għall-baġit ta' 2014-2020 għandna nħalsu €500 għal kull kunsillier [ammont totali ta' €2500]. Il-Kunsill qabel unaniment. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien ħalla summary fuq dawk l-iskemi fejn il-Kunsill jista jibbenifika izda hemm ukoll entitajiet privati li għandhom l-opportunita li jibbenifikaw u huwa d-dmir tagħna li ngħinuhom biex jakkwistaw il-fondi.

**7. Ħaddiem tal-IPSL: Petrol**

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li bħala average l-Kunsill jħallas €100 fix-xahar bħala petrol għall-uzu ta' vettura ta' ħaddiem tal-IPSL. Il-Kunsill qabel illi nħalsu dal-ammont fix-xahar wara li s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv qalu li dan juza l-vettura tiegħu kuljum għall-bzonnijiet tal-Kunsill, kif ukoll illi kemm il-darba juza makkinarju tiegħu għal ċerti xogħolijiet u hemm ukoll il-wear and tear. Il-Kunsill qabel illi nħalsu €100 izda se nibdew naħdmu bis-sistema biċ-ċippa. Bħala alternattiva ssemmiet il-fatt li jkolna nixtru van tal-Kunsill li se tiswa ħafna flus, barra l-ispejjez għall-insurance/liċenzji/eċċ.

**8. Attivitajiet tal-Milied**

8.1 Il-Kunsilliera qablu illi:

L-ikla tal-Milied issir nhar il-Ħadd 3 ta' Jannar. Is-Segretarju qal illi rċieva ftit stima s'issa izda se jċempel lill-kunsillier meta jirċievi oħrajn.

Party tat-tfal: M'hemmx data stabbilita u qegħdin naraw mal-Mużewijiet/Skola/Kazin biex ma jkunx hemm clash mal-attivitajiet tagħhom. Il-Kunsill se jaħdem fuq baġit simili bħas-snin preċedenti.

Fuljett: Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-kunsilliera biex jibagħtu l-messaġġ tagħhom f'perjodu ta' ġimagħtejn. Qal ukoll illi qed jirċievi stimi għall-printing u meta jirċeivi tlieta jew izjed se jċempel lill-kunsilliera biex jieħdu deċizjoni.

**9. Ħwejjeg Oħra**

Is-Sindku:

9.1 Is-Segretarju l-ġdid tal-Kazin qal illi m'għandhomx bizzejjed flus biex iħalsu l-parti tagħhom biex jdoqqu bħala Banda fil-Milied. Il-Kunsill qabel illi nkomplu nimxu nofs b'nofs u jekk ma jaċċettawx ma nħalsux l-ammont totali u ma ssirx. Qalu li ma tantx ikun hemm nies illi jattendu xorta waħda u għalhekk ħadu din id-deċizjoni. Zied ukoll illi xorta se jkun hemm il-Banda għall-festa ta’ Jum Ħal Safi, li se ssir fis-17 t’April 2016.

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għandu baġit fiss ta' €3500 għal attivitajiet soċjali li jkopru attivitajiet bħall-ikla tal-anzjani u Jum Ħal Safi. Zied illi jekk nibdew inħalsu l-ammont totali għal banda fix-xitwa u fiz-zmien Jum Ħal Safi m'hemm l-ebda dubju li noħorġu b'defecit minn dawn it-€3,500.

9.3 Qal illi l-Kumitat tan-nar għamlu talba biex jagħmlu ikla tal-Milied fis-sala tal-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qatt ma kelna problemi magħhom izda hemm persuna li għandu jerfa r-responsabilita tal-post. Il-Kunsill qabel mal-proposta. L-ikla se ssir fid-19 ta' Diċembru 2015.

9.4 Qal illi saru linji fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat [mill-MIP] u dawn ma tantx jidhru ċari issa. Kien qed jirreferi għal linji fit-triq li jagħtu għaċ-ċimiterju. Flimkien mal-kunsilliera kien hemm qbil illi nagħmlu talba lil Koptasin biex jagħmlu dan ix-xogħol ta' manutenzjoni għax il-ħaddiema tal-IPSL m'għandhomx il-makkinarju biex jagħmlu dan ix-xogħol.

9.5 Issospenda l-laqgħa mal-wasla tar-residenti tal-lokalita li ġew biex jagħtu suġġerimenti tagħhom.

**10. Laqgħa mar-residenti:**

**Għal din il-laqgħa ġie s-sur Tarċisio Barbara.**

10.1 Is-sur Barbara rringrazzja lill-Kunsill tax-xogħol li jagħmlu f'isem ir-residenti ta' Ħal Safi. Irringrazzja lis-sur Pietru Pawl Busuttil ta' dak illi għamel fil-leġislaturi preċedenti, l-istess lis-sur Callus, il-Viċi Sindku, għal dak illi wettaq fil-leġislatura preċedenti u qal ukoll illi qed isiru ħafna affarijiet pozittivi fil-preżent. F'isem il-Parroċċa tal-lokalita rringrazzja wkoll lill-kunsillier Carlo Stivala li għin biex huma jakkwistaw €8000 fondi.

10.2 Is-sur Barbara lmenta li saru arbli f'nofs il-bankini fl-isqaq tal-Karwija fl-aħħar ftit ġranet. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermaw li marru fuq il-post u bagħtu ritratti lil EneMalta fejn wieħed jista jara li dawn saru f'nofs il-bankini, kif ukoll illi hemm tnejn minnhom illi mhumiex dritti. EneMalta rrispondew fuq dawk illi mhumiex dritti u qalu li dawk huma vents. Rigward dawk illi huma f'nofs tat-triq m'hemm l-ebda risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv bagħat emajl waqt il-laqgħa stess bl-ilment.

10.3 Is-sur Barbara esprima x-xewqa tiegħu li jkun hemm il-Kumitat tal-Edukazzjoni u Kultura wara s-suċċess li ħass li kisbu bħala Kumitat fis-snin preċedenti. Is-Sindku qal li kien hu li waqqaf u ħa ħsieb il-

kumitat meta kien Viċi Sindku. Qal li jaqbel mas-sur Barbara li l-Kumitat kien suċċess, pero, minħabba li bħala Sindku żdidulu ħafna l-impenji, sfortunatament ma jista jibqa jieħu ħsieb il-grupp. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li hi lest tieħu ħsieb il-Kumitat.

10.4 Is-sur Barbara qal illi fil-ħsieb tiegħu l-inizjattiva li ħadet il-kunsilliera Joanna Abdilla biex il-Kunsill jibgħat karta lil kull dar b'lista tal-attivitajiet li se jsiru kull xahar, kien suċċess kbir. Is-Sindku komplu u qal illi minn dejjem kien jemmen illi l-Kunsill għandhom jaħdmu id f'id mal-għaqdiet, kif ukoll mar-residenti, u dak huwa l-iskop ta' din l-inizjattiva.

10.5 Is-sur Barbara talab għall-informazzjoni rigward proposti eżistenti li hemm. Is-Sindku qal illi hemm applikazzjonijiet fuq Ġnien Dun Karm Vella, il-bandli u Ġnien Sir Alexander Ball.
Is-sur Barbara staqsa jekk hemm attivitajiet illi se jsiru fix-xhur illi jmiss. Il-membri tal-Kunsill ikkonfermaw illi l-attivita ppjanata għal Diċembru mhix se ssir minħabba nuqqas ta' fondi izda hemm proposti li se jintbagħtu fil-ġranet illi ġejjin għal 2016 li huma għar-re-enactment f'April u għal Milied Safi 2016.

Is-sur Barbara rringrazzja lill-membri tal-Kunsill u wara x-xewqat sbieħ tiegħu ħareġ mill-kamra tas-Seduti.

## 9. Ħwejjeg Oħra [kont..]

Is-Sindku:

9.6 Irċieva suġġeriment biex nagħmlu vending machine fil-grawnd tal-futbol peress illi wieħed issa ma jista jsib minn fejn jixtri minn meta għalaq il-bar ta' faċċata.

9.7 Qal illi l-President tal-Kunsill tal-Iskola għamel talba biex nieħdu ħsieb emergengy entrance fl-entratura għall-bitħa tal-iskola biex tidħol ambulanza jew vettura f'kaz ta' emerġenza. Il-Kunsill ikun jista jieħu ħsieb ftit spejjez biex jixtri r-ramel u siment. Żied illi hemm bzonn illi naqtgħu is-siġar ta' madwar. Żied illi hemm bzonn tabella "No Parking during School Hours" quddiem il-grada. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fejn din it-tabella għandha ssir kaxxa safra u mhux waħda bajda.

9.8 Qal illi fl-area tal-Ħlantun fejn issuġerixxa li ssir forma ta' kanal mal-ħajt tal-propjeta ta' persuna li hu

stess aċċetta li l-ilma jibqa dieħel fil-propjeta tiegħu. Qal illi b'hekk nevitaw il-problema li m'hemmx fejn idur l-ilma, kif ukoll b'dan ix-xogħol ma jkunx hemm għalfejn nagħmlu trinka fit-triq. Il-Kunsill qabel.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

9.9 Qalet illi femm tabella li qegħda qasira fejn iċ-ċimiterju. Kienet qegħda tirreferi għat-tabella li tindika l-ispeed limit ta 35km/hr. Qalet illi hemm tabella fl-istess triq illi qegħda f'nofs ħajt tas-sejjiegħ li mhix sew. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dik hija tabella ta' TM. Qal illi għandha titneħħa u titpoġġa mal-ġenb tar-razzett.

9.10 Qalet illi se jibdew jagħmlu lezzjonijiet taz-Zumba kull nhar ta' Sibt fit-3pm. Il-prezz ta' kull session se jkun ta' €5/hr għal siegħa u l-ħlas għall-instructor se tkun ta €25.

9.11 Fakkret fuq it-talba biex issir parking bay f'triq Rqajja.

9.12 Għamlet talba għall-update ta triq il-Kuċċard. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi xejn mhu se jsir qabel ic-CHOGM u wara għandhom jibdew jagħtu updates.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

9.13 Irċieva talba mill-Agones A.F.C biex isiru żewġ attivitajiet taċ-ċikliżmu u duathlon, fil-konfini tagħna. Il-Kunsill qabel. Staqsa wkoll jekk il-Kunsill ikun jista jħallas għat-tokens illi jingħataw dakinhar. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'dan il-kaz l-organizattur għandu jħallas għalihom u l-Kunsill iħallas lilu wara li jibgħat irċevuta fiskali.

9.14 Qal illi hemm inizjattiva tac-CHOGM fejn għandhom jipparteċċipaw iz-zagħzagħ fi forum bejn il-Membri tal-Commonweath. Dan l-informazzjoni intbagħatet lill-Ambaxxaitriċi tar-raħal illi għandha tfittex studenti li huma interessati f'dan il-forum.

9.15 Ilmenta li hemm ħafna ħamrija fl-iskola u t-tfal qegħdin jaqbzu fil-ħamrija u għalhekk jemmen illi għandhom jagħmlu naqra plastik fuqu. Is-Sindku qal illi se jitkellem mal-President tal-Kunsill tal-Iskola.

9.16 Staqsa dwar l-area ta' Ġawħar fejn kien sar ħajt madwar area fejn iridu nagħmlu proġett. Kellu jkun

hemm ħajt bis-sejjiegħ skond il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

9.17 Qal illi l-ġardinar għandu jieħu ħsieb siġra li hemm fuq in-naħa ta' wara taċ-ċimiterju li ma kinitix imnizzla max-xogħolijiet illi għandhom isiru meta jiġi c-Cherry Picker.

9.18 Qal illi hemm bzonn 2 hibiscus ġodda, 1 quddiem iz-zuntier tal-knisja u 1 quddiem il-kappella ta' Santa Marija.

9.19 Ressaq suġġeriment biex il-Kunsill jixtri l-kotba l-ġodda ta' Tonio Borg u ta' Mario Galea. Għandu jċempel biex jagħti l-ismijiet ta' dawn il-kotba.

Is-Segretarju Eżekuttiv:

9.20 Ressaq talba għall-approvazzjoni għall-akkumulazzjoni tal-leave wara li rċieva dokument mid-DLG b'din it-talba. Hu għamel talba biex jieħu l-massimu li jista jakkumula waqt illi l-bqija tal-leave se jmur ġo fond speċjali għall-impjegati li għandhom bzonn extra leave għar-raġunijiet personali. Il-Kunsill approva t-talba tiegħu.

11. **Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis-7 ta’ Diċembru 2015

Sindku
Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard